MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 47

10 ta' Diċembru 2018

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
RALPH CASSAR – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd, minn dawk li kienu se jkunu preżenti, kienu preżenti u l-Laqgħa bdiet fil-ħin.

## 47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

47.1.1 Inqraw l-ittri ta' apoliġiji tas-Sinjuri Ralph Cassar, Alex Mangion u Mark Anthony Spiteri. Dawn l-ittri ġew aċċettati u approvati l-apoloġiji.

## 47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

47.2.1 Il-minuti ġew approvati .

## 47.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

47.3.1 Triq il-Midra – xogħol ta' bankini beda u kien hemm xi problem tekniċi imma li fortunatament ġew solvuti u x-xogħol għandu jkun lest daqt.

47.3.2 Ic-*Chief of Staff* tal-President ikkomunika mas-Sindku u qallu li rċevew donazzjoni ta' kotba *hard bound* u dawn issa jinsabu għall-bejgħ b'risq il-community chest fund. Dawn il-kotba huma fuq il-Belt Valletta u hu ssuġġerixxa li l-Kunsill jixtri tnejn. Kulħadd qabel.

47.3.3 Il-Bazaar li sar dal-*weekend* fejn ingabret is-somma ta' €2031.65

47.3.4 Li kien hemm laqgħa mar-residenti fejn dawn esprimew id-diżappunt tagħhom għall-*walkway* proposta fil-proġett tal-*embankment*. Peress li kien hemm diżapprovazzjoni u peress li ġa kien hemm problema biex issir fis-side oppost minħabba l-ispiża enormi tagħha talab l-approvazzjoni biex din ma ssirx. Ħadd ma kien kontra li ma ssirx, biss is-Sur John Debono qal li hu jikkunsidra li ma ssirx il-*walkway* ta' ħdejn Ġnien l-Istazzjon BISS jekk il-fondi allokati għal din il-parti tal-proġett ma jintilfux u jistgħu jiġu nvestiti fl-istess proġett u wkoll jekk dan ma jkollux effett negattiv fuq il-proġett.

47.3.5 Talba li kellu sabiex tinqala' siġra Vitex Agnus-Cactus minn ġo villa ġewwa Ħ'Attard li sa jsir żvilupp u tiġi re-planted ġewwa wieħed mill-ġonna tal-Kunsill fuq parir tal-ERA lill-iżviluppaturi.
Sfortunatament, għalkemm l-ispeċi hi protetta ma baqax spazji kbar li jistgħu jakkomodaw il-kobor ta' din is-siġra. Is-Sur Cordina ta parir li din il-korrispondenza tiġi mgħoddija lill-Parks Department. Kulħadd qabel.

## 47.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

47.4.1 Is-Sur Alfred Zammit talab:

- Biex jekk ix-xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix minn Triq Hannibal ma sarx isir kemm jista' jkun malajr.

47.4.2 Is-Sur John Debono saqsa fuq:

- Kienx hemm sottomissjonijet għat-talba ta' servizz ta' konsulent botaniku. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irċieva sottomissjoni waħda.

47.4.3 Is-Sinjura Connie Scerri talbet li :

- Biex jinżergħu xi ponsjetti fi Ġnien Karm Debono. Is-Seg. Eżekuttiv qalet li l-aħħar li nżergħu inqalgħu kollha fi ftit jiem.
- Saqsiet fuq il-kompetizzjoni tal-isbaħ gallarija. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din hi miftuħa għad-djar u l-formoli tqassmu lit-tfal kollha fl-iskola Primarja.

47.4.4 Is-Sur Raymond Azzopardi saqsa fuq:

- Is-servizz Tuk Tuk jekk hux ħa jiġi ntrodott hawn Ħ'Attard ukoll. Is-Sur Cordina qal li dan is-servizz jiswa madwar €45,000 u jekk ikun hemm xi skema li taħtha jista' japplika l-Kunsill issir applikazzjoni.

## 47.5 Approvazzjoni ta' *Budget 2019*

47.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ssejħet Laqgħa Pubblika sabiex jiġi preżentat il-baġit lill-Pubbliku. Din is-sejħa għall-laqgħa saret fuq Gażżetta Lokali u permezz t'Agenda fuq il-website tal-Kunsill. Għal din il-laqgħa m'attenda ħadd. Għalhekk is-Sur Tonio Cuschieri, *Accountant* tal-Kunsill għadda għal spjega ta' kif dan il-baġit ġie mħejji b'reqqa sabiex jirrifletti sew l-ispejjeż għas-sena 2019. Wara spjega fid-dettal *item item* dan il-baġit ġie approvat.

## 47.6 Approvazzjoni ta' Tenders Manutenzjoni ta' Bankini, Dwal u Printing

47.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li f'dawn it-tenders partikulari intefgħat sottomissjoni waħda għal kull tender barra tal-Printing. Għaldaqstant għat-tenders tal-bankini u dwal ma kienx hemm bżonn t'evalwazzjoni, għalkemm xorta sar rapport fuqhom mill-Bord t'Evalwazzjoni. Fir-rigward tal-Printing uriet rapport bil-prezzijiet u spjegat li ttieħdet l-irħas offerta dik ta' Bonnici Press. Hi talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex dawn jingħataw kif ġej:
Dawl: JF Mallia Ltd
Banikini: Joseph Tabone
Printing: Bonnici Press
Kulħadd qabel

## 47.7 Rapporti

47.7.1 Ma kienx hemm iktar rapporti

## 47.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

47.8.1 Talba mingħand residenta sabiex isiru bollards fid-dawra ta' Triq il-Belt Valletta inti u tiela' quddiem ic-Cimiterju. Is-Sur Debono qal li ma tantx hu possibli li jsiru minħabba li d-dawra

*sharp* u l-vannijiet ma jkunux jistgħu iduru sew. Iktar faċli li wieħed idur b'attenzjoni hekk.

## 47.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

47.9.1 Approvati wara s-Segretarju Eżekuttiv qalet li c-cedola kienet għadha mhix kompluta u li jista' jagħti l-każ li jiżdiedu xi pagamenti biex tingħalaq is-sena. F'dak il-każ hi terga' titlob ri-approvazzjoni tal-pagamenti miżjuda.

## 47.10 Mozzjonijiet; u

47.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 47.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

47.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm u ġiet aġġornata għad-9 ta' Jannar 2019 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 9 ta' Jannar 2019.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv